**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-vs-**

**Andrew Briffa, detentur tal-karta tal-identità numru 0427453M.**

*Kumpilazzjoni Numru: 691/2022*

Illum, 12 ta' Diċembru, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Andrew Briffa** u ċioe talli:

Nhar it-28 ta' Frar, 2022 u kif ukoll fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Qormi:

1. Ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimali li hu kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benessere tal-annimali li jinkludu

fost oħrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, rabat, qafel, rabat b'katina jew irristrinġa kelb, jew ikkawża kelb li jintrabat, jinqafel, jew jintrabat b'katina, marbuta ma kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-kelb jew bħala mezz primarju ta' żamma tal-kelb, u dan bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-L.S. 439.21 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tipprojbixxi lill-imputat milli jżomm annimali jew milli jirrisjedi f'post fejn jinżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-Qorti u dan skond l-Artikolu 45 Subartikolu 1(b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska tal-annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt l-Att 439 tal-Liġijiet ta' Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidrilha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45 Subartikolu 3 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja w li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[1]

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

---

[1] Fol.8

**IL-PROVI**

**Daniel Briffa**[2]**,** *Head of Enforcement* fi ħdan id-Dipartiment tal-Animal Welfare, spjega li d-dipartiment kien rċieva rapport li kien hemm kelb li kien qed ikun dejjem **marbut b'ċinga mingħajr lqugħ** ġewwa Ħal-Qormi. Għalhekk bagħat żewġ spetturi, Cassar u Sammut, sabiex jagħmlu spezzjoni fuq il-post. Meta l-ispetturi bagħtulu r-ritratti, minnufih tahom struzzjonijiet sabiex jinfurmaw lill-imputat sabiex iħoll il-kelb kif ukoll jinformawh li kienet ser tinħareġ multa amministrattiva.[3] Kopja ta' din il-multa ġiet esibita minn Daniel Briffa.[4] Id-difiza esebiet prova li l-imputat ikkontesta din il-multa.[5]

Is-Sur **Joseph Cassar**, *Animal Welfare Officer* fi ħdan id-Dipartiment tal-Animal Welfare, spjega kif fil-25 ta' Frar 2022 sar rapport lid-dipartiment li permezz tiegħu ġie rrapportat li fil-Wied il-Kbir, Ħal-Qormi, kien hemm kelb li kien qed ikun marbut il-ġurnata kollha. Għalhekk nhar it-28 ta' Frar 2022 għal ħabta tat-tlieta nieqes għoxrin (14:40hrs) flimkien ma' kollega tiegħu, Fiorita Sammut, marru fuq il-post sabiex issir spezzjoni. Malli waslu raw kelb marbut ***"fuq ħabel ta' ġiex metri tul"***.[6] Ħabbtu w l-imputat fetħilhom. Ikompli li meta staqsew lill-imputat għalfejn il-kelb kien marbut, l-imputat qalilhom ***"norbtu ghax inkella jaghmilli l-hsara fl-ucuh tar-raba"***.[7]

Ix-xhud spjega kif infurmaw lill-imputat li ma setax iżomm lill-kelb marbut iżda kellu jagħmillu *enclosure* li fiha jkun jista' joqgħod il-kelb mingħajr ma jkun marbut. Spjega ukoll li l-imputat kien qalilhom *"li kien ser **jibda** jzommu fil-garage u **ha jipprovdielu** ventilazzjoni ghax se jzommu gol-Garage"*.[8]

Cassar kompla li l-*body score* tal-kelb kien wieħed tajjeb, iżda **l-kelb instab marbut biswit il-garage mingħajr ma kellu fejn jistkenn,** ***"Ma kellux fejn jistekenn ma kellux"***.[9] Qal ukoll li kien hemm banju bl-ilma biex jixrob minnu. Cassar jikkonferma li huwa u l-kollega tiegħu darba biss marru fuq il-post għal spezzjoni.[10] Ir-ritratti tar-rapport konġunt ma Sammut ħadhom hu.[11]

---

[2] Fol 67
[3] Fol.67-69
[4] **Dok.DB** a fol.78 et seq
[5] **Dok.RVB** a fol. 82
[6] Fol.10
[7] Fol.9-10
[8] Fol.10
[9] Ibid.
[10] Fol.11
[11] Ibid.

Fl-**Animal Welfare Inspection Report** datat 28 ta' Frar 2022, esibit minn Cassar[12] jingħad li dakinhar li marru fuq il-post għall-ispezzjoni, laqgħahom l-imputat u wara li qalulu li il-kelb ma jistax jinżamm marbut, l-imputat stqarr li "***he keeps the dog tied*** *because if the dog is not tied, the dog will* ***damage all the crops at his field and even will escape***"[13] u kif ukoll li "***he is going to let the dog inside the garage*** *also keeping the door open to provide natural light and ventilation*".[14]

**Fiorita Maria Sammut**, *Animal Welfare Officer*, kkorroborat dak li qal Cassar dwar meta sar ir-rapport u l-ispezzjoni li saret fil-fond tal-imputat fuq ordni tal-manager tagħhom Daniel Briffa. Hekk kif wasslu, setgħet tara l-kelb marbut b'ħabel. Bdew jħabbtu u jgħajjtu lis-sid tal-fond u ftit wara avviċinahom l-imputat. Sammut kompliet li meta huma spjegaw lill-imputat li ma setax iħalli l-kelb marbut, huwa weġibhom li ***"jekk ma nhallihx marbut ha jkissirlu l-crops".***[15]

L-uffiċjal spjegat li l-kelb ***"kellu ħabel kien marbut ma' dan il-banju***[16]*, dan il-banju kien* ***b'ilma maħmuġ****. Ma niftakarx sincerament pero' jekk kellux fejn jidhol jistkenn on the side sincerament ma niftakarx pero* ***ma jidhirliex li kellu fejn jidhol....[il-ħabel] ma jwassalx sal-bokka tal-bieb***"[17] tal-garage biswit.

**Martha Gatt,** rappreżentanta tal-Micro-Chipping Department spjegat li l-kelb mertu tal-proċeduri odjerni miet fit-22 ta' Frar 2023 u li l-imputat għandu tliet (3) klieb reġistrati oħra reġistrati f'ismu.[18]

L-imputat **Andrew Briffa**, għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda. Xehed kif dakinhar li saret l-ispezzjoni mill-Animal Welfare, hu kien f'għalqa ftit aktar 'l fuq mil-lok fejn kien marbut il-kelb, juża il-mutur tal-ħart. Jispjega li b'kollox hemm madwar "*ghoxrin tomna raba imma jien go dik l-ghalqa li kont qed nahdem il-fuq ghax ir-raba peress li qieghed fil-wied ghalqa tiela fuq ohra tifhem...Tista titla anke bit-trakk biha. Imma jiena tlajt bil-mixi ghax il-mutur kien go nofs l-ghalqa biex naghmlu postu u l-mutur kien bir-romblu ghax ahna meta l-mutur ikun gol-ghalqa u ahna nkunu qed nahartu r-romblu ma nnehhuhx ghax dak battikata trid toqghod taqleb il-mutur l hawn u l hemm u qbadt il-mutur u l-kelb peress li l-kelb qas jara hafna u hu għandu l-katarretti u dan huwa t-taqtir biex il-kelb dejjem inzommuh ahjar*".[19]

---

12 Konferma a fol.11. **Dok.JC** a fol. 13 et seq
13 Fol.14
14 Ibid.
15 Fol.30
16 Vide ritratt a fol.19
17 Fol.31
18 Fol.34-35
19 Fol.88-90

L-isforzi li jagħmel l-imputat biex iġiegħel titwemmen verżjoni li wara kollox ma timpinġi xejn fuq il-mertu tal-imputazzjonijiet addebitati lilu – **iż-żamma ta' kelb fuq ċinga, nuqqas ta' lqugħ għalih u ilma maħmuġ minn fejn kien mistenni jixrob il-kelb** – jirriżentaw il-patetiku meta jippreżenta kaxxa vojta ta' *eye drops, "Stromease"*[20] għaliex skond hu, l-kelb in kwistjoni kien ibati mill-katarretti, fatt li ma saritx prova tiegħu kif lanqas ma ngħabet prova li xi veterinarju ippreskriva dawn id-*drops* propju għall kelb tal-imputat!

Briffa jkompli li meta ġew l-ispetturi, l-imputat kien "*qieghed hemm fuq kont qieghed nahrat*", iżda ftit wara jinduna li **l-proċess tal-ħart ma jieħux għaxar minuti u jbiddel il-verżjoni**: "*(B)iex naghmel il-mutur postu u kemm domt ghaxar minuti*".[21] Kompla jixhed li s-soltu, il-kelb iżommu fil-garage fejn għandu il-friex iżda dakinhar rabtu barra taħt siġra għad-dell. Jgħid ukoll li l-kelb kellu l-ilma nadif biex ikun jista' jixrob.

Ix-xiehda ta' Briffa hi waħda li tisfida l-loġika w s-sens komun. Kemm il-darba kien jibża li l-kelb iweġġa bil-makkinarju li kien juża fl-għalqa, kien mistenni minnu ma joħdux miegħu f'dawk il-ħinijiet jew l-inqas li seta' jagħmel kien li jħallih fil-garage, għad-dell u l-kenn. Iżda hu dak li jġib il-gideb; jinħolqu fatti w ċirkostanzi li biex issoddu toqba jiftħu mija!

Ma jridx jintesa li min għamel ir-rapport semma li l-kelb kien ikun il-ħin kollu jinżamm marbut, kif effettivament sabuh fl-ispezzjoni. Tant hu hekk li l-imputat taħrablu li post il-kelb tassew kien fir-razzett fejn instab *"Ikun fir-razzett fejn ġew huma"*.[22]Imbghad meta jesebixxi numru ta' ritratti biex jissostanzja kemm fil-fatt il-kelb kien miżmum tajjeb, fejn jidhru bottijiet tal-ikel għadhom magħluqin, jikkonferma li dawk ittieħdu minnu xi ġranet wara l-ispezzjoni![23] Kemm kien ikun ferm aħjar għall-imputat li ma rrinunzjax għad-dritt tas-silenzju!

Jingħad ukoll li fi kliem Briffa dawn ir-ritratti ittieħdu minn ibnu. Ġaladarba l-iben ma telax jixhed tali ritratti li, wara kollox Briffa jammetti li ittieħdu jiem wara l-ispezzjoni,[24] baqgħu ma ġewx debitament awtentikati minn ibnu.

Jibqa' mhux debitament awtentikat ukoll ċertifikat allegatament maħruġ mill-veterinarju Dr Alex Schiro datat 25 ta' Frar 2023,[25] li fih jingħad li ilu għal tnax-

---

[20] **Dok.AB** a fol.113
[21] Fol.93-94
[22] Fol.96
[23] Fol.109
[24] Ibid.
[25] **Dok.AB1** a fol.114

il sena jieħu ħsieb il-klieb ta' Briffa u li sa fejn jaf hu, il-klieb dejjem inżammu f'kundizzjoni tajba.

Il-Qorti tosserva li dan iċ-ċertifikat lanqas biss ma jsemmi l-għamla tal-klieb jew l-*micro-chip* number tagħhom sabiex jiġi muri jekk il-kelb in kwistjoni kienx jinkwadra f'din id-dikjarazzjoni ġenerika li għażel jagħmel Dr. Schifo, propju meta jidher li kien hu stess li nforma il-Micro-chipping Department li dan il-kelb, bl-isem Husky, kien miet.[26]

Tassew kellu jittella jixhed dan il-veterinarju, jekk xejn biex jispjega kif fir-rekords tad-dipartiment il-kelb jingħad li miet fit-22 ta' Frar 2023 iżda l-email hi datata il-21 ta' Frar 2023!! Il-verità hi li l-email tiegħu ma tagħti l-ebda indikazzjoni dwar meta fil-fatt miet Husky u kien id-dipartiment li taha data tal-mewt!

Għaldaqstant iktar jitqajmu suspetti dwar id-dikjarazzjoni tal-istess veterinarju meta issa jirriżulta li c-ċertifikat preżentat minn Briffa, sar erbat ijiem biss wara li bagħat l-email jinformahom bil-mewt ta' Husky, u jonqos milli jagħmel riferenza għal mewt tiegħu.

Iktar u iktar ma għandux valur probatorju – anke jekk għall-grazzja tal-argument ġie awtentikat skond il-liġi – meta jitfakkar li l-ispezzjoni li waslet għall-proċeduri odjerni seħħet **sena qabel propju fit-28 ta' Frar 2022**. Hu ovvju li dan iċ-ċertifikat intalab minn Briffa unikament ai fini ta' dawn il-proċeduri. Ċertifikat li sar biss tnax il-jum wara li nbdew il-proċeduri fil-konfront tal-imputat[27] u meta sa xahar qabel l-imputat lanqas biss kienu għadu ġie nfurmat b'dawn l-imputazzjonijiet tenut kont li fis-seduta tal-24 ta' jannar 2023, l-uffiċjal prosekutur informa lil Qorti li l-imputat kien għadu ma ġiex notifikat b'dawn l-imputazzjonijiet.

Għaldaqstant tali prova l-istess bħal prova li jittenta jagħmel bir-ritratti li esebixxa flimkien mac0certifikat tal-veterinarju, fl-aħjar ipoteżi għall-imputat, tibqa waħda *hearsay* u konsegwentement inammissibbli.

Il-prinċipju dwar l-inammisibiltà ta' provi *hearsay* bħala prova tal-kontenut ta' dak li jkun intqal jew ġie dikjarat, hu ben assodat fil-ġurisprudenza kif ġie mtenni fis-sentenza ferm erudita tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Gloria ALAMANGO**:[28]

---

[26] **Dok.MG** a fol.37
[27] Fol.7
[28] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja. Sedtuta 23 ta' Marzu 2023. Appell numru 363/2022

20. Illi huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk i-lfatti. (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk. (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' AlKhawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in AlKhawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel ir-rapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar : -

llu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence 11 iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

[Emfazi ta' dik il-Qorti]

**Jimmy Gerada**[29], prodott mid-difiza, spjega li ilu jaf lill-imputat minn mindu kienu tfal. Meta kien għadu ħaj ħu l-imputat il-klieb kienu jiġru magħhom minn ġnien għal ġnien.[30] Spjega li jaf li l-imputat kellu xi klieb li ma kienux jidhru li kienu maħqurin għaliex ma kienux jidhru imkabbrin. Gerada issemmi li l-imputat kien jagħlaq lil kelb fil-garage li għandu fir-razzett. Jikkonferma li fit-28 ta' Frar 2022 ma jafx fejn kien il-kelb.

Interessanti li jgħid Gerada hu li **minn mindu miet ħuh kien fadallu kelb wieħed biss.** Għalhekk il-qorti tistaqsi, kif l-Micro-chip Department ġie infurmat minn Schiro fuq il-mewt tal-kelb suġġett ta' dawn il-proċeduri biss? Għaliex l-imputat ma ddikjarax il-mewt ta' dawn il-klieb kemm il-darba kif issostni sieħbu kull ma kien fadallu kien lil Husky?

Provi Saljenti

Ghalkemm ġa saru osservazzjonijiet mill-Qorti dwar ix-xiehda tal-imputat li ma tgawdi minn ebda affidabbiltà fejn la hi *safe* u wisq anqas *satisfactory*, u meta l-Qorti ikkunsidrat l-inammisibiltà tal-provi li ressaq l-imputat, tajjeb li jsir riassunt tar-riżultanzi f'dan il-każ.

1. L-ispetturi mill-Animal Welfare Department sabu kelb marbut ma ħabel ta żewġ metri ma banju bl-ilma maħmuġ li l-kelb kien mistenni jixrob min, *"dan il-banju kien **b'ilma maħmuġ**".*[31]

2. Mir-ritratti esibiti jiġi faċilment innotat mill-Qorti kif **il-ħabel, li bih kelb tal-kaċċa kien marbut ma banju, iwassal biss sal-kantuniera tal-kamra**.[32] Ma hemm l-ebda possibilità li fuq ħabel daqshekk qasir dan il-povru kelb kellu post fejn jistkenn mill-elementi. Propju kif kien

[29] Fol.123
[30] Fol.124
[31] Per Fiorita Maria Sammut a fol.31
[32] Fol.55

rappurtat sa minn tlett ijiem lid-Dipartiment liema rapport xpruna din l-ispezzjoni!

3. Il-kelb tħalla barra garaxx fejn faċilment seta' jsib kenn mill-elementi kieku l-imputat indenja jħallilu l-bieb miftuħ. Briffa stess jammetti fix-xiehda *viva voce* li siġra kienet toffri kenn sufficjenti għall-kelb. Nesa l-imputat li fi Frar, mhux xemx biss tagħmel iżda xita wkoll u li minn bejn il-weraq u zkuk tippenetra x-xita! Però inkwiet xejn ghax hemm siġra u fil-fehma tiegħu din kienet biżżejjed għal-kelb!

**4.** Il-Qorti tosserva ukoll li *a tempo vergine* l-imputat qatt ma semma mal-uffiċjali tal-Animal Welfare li l-kelb kien marbut għall-għaxar (10) minuti biss sakemm daħħal il-mutur tal-ħart f'postu kif jixhed *viva voce*.

**5.** Għall-kuntrarju lil Cassar u Sammut Briffa informahom li ***"jekk ihallih mahlul il-kelb jaghmillu stragi fil-crops fil-patata u li jkollu mizrugh"***[33] u ***"norbtu ghax inkella jaghmilli l-hsara fl-ucuh tar-raba"*.**[34]

6. It-taħwid u inkonsistenza fix-xiehda tal-imputat timmanifesta ruħha meta f'ħin minnhom jgħid li l-kelb kien marbut sakemm kien qed jaħrat l-għelieqi *"ghoxrin tomna raba imma jien go dik l-ghalqa li* ***kont qed nahdem*** *il-fuq ghax ir-raba peress li qieghed fil-wied ghalqa tiela fuq ohra tifhem..."*[35], iżda meta jintebaħ li dan ix-xogħol mhux wieħed li jsir f'dawk l-għaxar (10) minuti li jsemmi, jbiddel il-verżjoni u jgħid li l-kelb kien marbut sakemm *"naghmel il-mutur postu u kemm domt ghaxar minuti"*.[36] Tant hu hekk li mal-ispetturi iddikjara, *"qieghed hemm fuq kont qieghed nahrat"*[37] u kif tixhed Sammut l-għelieqi ta' Briffa *"l-area hija kbira"*.[38] L-imputat innifsu jiddikjara li *"Hemm circa ta' ghoxrin tomna raba imma jien go dik l-ghalqa li kont nahdem il-fuq...gieli jkun hemm anke silar u nofs hajt minn ghalqa għal ohra"*[39] u minħabba il-bogħod ġieli jmur bit-trakk iżda dakinhar kien bir-riġel. Lanqas jibdew għaxar (10) minuti kif iridna nemmnu l-imputat li kien biss il-ħin li Husky dam marbut!!

7. Fil-Qorti stess u b' rilevanza għall-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet hu meta fi kliem Briffa l-kelb ***"Ikun*** *fir-razzett fejn ġew huma"*.[40]

---

[33] Fol.47 per Fiorita Maria Sammut
[34] Fol.9-10 per Joseph Cassar
[35] Fol.89
[36] Fol.93-94
[37] Fol.93
[38] Fol.47
[39] Fol.89
[40] Fol.96

8. Din tixhed u tipprova li **iż-żamma** tal-kelb b'dan il-ħabel kienet waħda **primarja jekk mhux ukoll permanenti** tant li meta rinfaċċjat bl-illegalita ta' għemilu dlonk jitkellem li minn issa il-quddiem u cioe fil-**futur** *"li kien ser **jibda** jzommu fil-Garage u **ha jipprovdielu** ventilazzjoni ghax se jzommu gol-Garage"*.[41]

   Għalhekk intqal li **"ser** jibda**"** u **"ha** jipprovdielu**"** mhux **'**iżommu fil-garage' u 'għandu ventilazzjoni', frażijiet li jindikaw **azzjoni futura** u mhux waħda preżenti!

   Fir-rapport jissemma li *"The dog was realased and went roaming in the field as shown on photos. The undersigned informed Mr A. Briffa to erect a laege closure to keep the dog inside. Mr. A. Brifa said that he is **going to** let the dog inside the garage also keeping the door open to provide natural light and ventilation."*[42]**Ma kienx qed jinżamm fl-ebda garaxx qabel!**

   Dan anke jfakkar lill-Qorti li Gerada kien qal li nduna li Briffa kien iżomm l-kelb ġewwa l-garage minkejja l-bieb ikun magħluq ghax kien jisma kelb (mhux neċessarjament il Husky) jinbaħ. Minn din ix-xiehda ta' xhud tad-difiza stess jirriżulta li kwalunkwe kelb li kien qed jinżamm f'post maqful ma jgawdix minn kundizzjonijiet xierqa għaliex hemm nieqsa *inter alia* **l-ventilazzjoni u dawl naturali**.

9. Tant il-post fejn kien jinżamm il-kelb ma kienx għall-kwistjoni ta' ftit minuti, li dan kellu anke friex mal-art liema friex jidher biċ-ċar u *weathered* u mqatta (ritratt a fol.56).

   **Għal għaxar (10) minuti biss ma tħallix banju bl-ilma w friex biex ikollu minn fejn jixrob!!** Ftit jagħmel sens li fix-xahar ta' Frar kellu għalfejn iħalli l-kelb taħt siġra għad-dell. U ghax-xita w ksieħ kif kienet ser toffri protezzjoni siġra??

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali il-Qorti issib li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi.

Il-Qorti tqis li l-fatt li l-kelb tħalla marbut, ma kellux lqugħ u provvista xierqa ta' ilma nadif tinkwadra fl-għemil sanċit b'dawn l-imputazzjonijiet u senjatament it-tielet imputazzjoni fejn ċertament l-imputat naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli biex jiżgura li l-ħtiġijiet tal-kelb tiegħu jintlaħqu biex tiġi żgurata s-saħħa u l-benessere tal-imsemmi kelb li tħalla f'lok fejn ma

[41] Fol.10
[42] Fol.14

setgħax jesprimi l-imġieba normali tiegħu w fejn ma kellux provvista ta' akkomodazzjoni xierqa kif kontemplat bl-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Piena**

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-każ in deżamina l-piena tkun l-istess waħda kif ravviżata bl-artikolu 45(1)(a) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali,*** Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Hi din il-piena l-aktar gravi.[43]

Ġew ikkunsidrati n-natura tal-imputazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi tal-każ. M'hemmx dubbju li n-nuqqas tal-imputat ma kienx xi għemil krudili intenzjonalment iżda jidher li hu ma ra xejn ħażin fl-għemil tiegħu fejn għalih, kif intwera fil-Qorti, emmen li l-kelb kien miżmum sew. Fil-fatt il-kelb ma ttieħidlux mid-dipartiment iżda tħalla fil-kustodja tiegħu

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 3(1) u 8(1) tar-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb (L.S. 439.21) issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum.

A tenur tal-Artikolu 22(3) tal-istess Att, qabel ma ngħata dan l-Ordni, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

---

[43] Il-piena fiż-żmien li twettqu dawn ir-reati kienet kif ġej:
45.(1) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu għandha:
(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, teħel multa ta' mhux anqas minn elfejn euro (€2,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u sittin elf euro (€65,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet (3) snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

Il-provvediment kontemplat bil-*proviso* għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 45 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed jiġi applikat mhux biss peress li l-Qorti ma tarax li l-għemil tal-imputat jimmerita li għandu jkun projbit milli jżomm annimali aktar, iżda wkoll peress din l-emenda ġiet introdotta kważi sena wara l-ispezzjoni w d-data msemmija fl-imputazzjonijiet.

Finalment il-Qorti tirrakkomanda li meta jsiru spezzjonijiet, apparti għar-ritratti li jittieħdu, wasal iż-żmien li jkun meħud ukoll filmat biex aktar jaghti sfond lir-ritratti w lill-każ innifsu. Tali filmat ikun isservi biex jimmanifesta *first-hand* id-dettalji w ċirkostanzi tal-ispezzjoni nnifisha kif ukoll ta-riżultanzi tagħha.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**